# *Leħen il-Fgura*

***Sena 58 Nru. 377 Lulju 2025***



**Messaġġ mill-Kappillan**

**Il- Niċċelebraw Flimkien**
**il-Festa li Tant Inħobbu tal-Madonna tal-Karmnu**

Għaliex kull sena niċċelebraw festa speċjali lill-padruna tagħna l-Madonna tal-Karmnu?

Niċċelebraw festa speċjali biex nuru l-ferħ, l-imħabba u t-tama tagħna f'Marija. Bla dubju ta' xejn u qabel kollox, din il-festa, l-imħabba u t-tama tagħna jridu jkunu mibnija fuq il-fidi tagħna fil-Mulej Alla. Għaliex, kif tista tifraħ, kif tista tħobb u kif tista tittama jekk qabel kollox ma jkunx hemm fidi sħiħa fil-Mulej Alla li huwa l-qofol ta' kull ferħ, tama u mħabba. Għalhekk il-Madonna tal-Karmnu toffri lil Binha Ġesù kontinwament għalina biex aħna jkollna fidi sħiħa fih.

Il-festa tal-Fgura hija mżewqa b'kull espressjoni ta' ferħ u entużjażmu li jġibu u jgħaqqdu lil kulħadd flimkien. Waqt il-festa tagħna, dan il-ferħ u l-entużjażmu rridu nuruh billi nħarsu lejn Marija u nilqgħu l-istedina tagħha billi nersqu aktar ta' spiss lejn binha Ġesù.

Grazzi lil kull min jgħin kemm fil-festa tal-knisja kif ukoll fil-festa ta' barra biex jista' jkollna festa sabiħa. Il-Mulej, bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Karmnu jagħti kull faraġ u saħħa lill-morda u jbierek lill-anzjani u lill-familji kollha. Nieħu l-okkażżjoni biex nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

P. Raymond Calleja O. Carm.

Insellmulek , O Marija,
Omm ta'Alla u tagħna l-Bnedmin.
Bħalma għamlu dejjem missirijietna,
aħna wkoll fik inqiegħdu t-tama sħiħa tagħna,
it-tama ta kull fejqan fir-ruħ u l-ġisem .
Lejk aħna nirrikorru għax nafu li mingħajrek
ma nistgħu naslu qatt għal ħdan ibnek Ġesù.
Taħt il-ħarsien tiegħek aħna nafdaw lilna nfusna ,
il-familji tagħna, l-uliedna, il-morda tagħna, il-mexxejja tagħna,
il-poplu tagħna, l-għażiża art twelidna.
Dawwar lejna l-għajnejn tiegħek tal-ħniena,
ħarisna int minn kull tiġrib tal-ħajja tagħna.
Mexxina Int, O Marija fit-triq tas-sewwa
li twassalna għall-glorja ta' dejjem. Ammen.



**Il-Kappillan flimkien mal-Pirjol u l-komunità Karmelitana**
**u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali**
**jawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd**

**Festa Madonna tal-Karmnu 2025**

**Il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju**
**8.00pm:** Lejla Maltija fi Triq Nazzareno Farrugia, faċċata tal-Każin tal-Banda.

**Is-Sibt 28**
**8.00pm:** Music Bingo ma' DJ Alex Grech fi Triq Nazzareno Farrugia, faċċata tal-Każin tal-Banda

**Il-Ġimgħa 4 ta' Lulju**
**6.30pm**: Quddiesa bi preparazzjoni għall-festa u wara siegħa adorazzjoni bi tħejjija għall-festa.
**8.00pm:** Riċeviment tal-Festa, organizzat mill-Kummissjoni Festa Esterna A.D. 1993 fi Triq il-Karmelitani għall-membri, membri sosteníturi u l-mistiedna.

**Is-Sibt 5 ta' Lulju – Infakkru lil ħutna li ħallewna matul din is-sena**
**6.30pm:** Quddiesa b'suffraġju għal dawk ħutna li ħallewna mill-aħħar festa 'l hawn.
**7.00pm:** Fgura Fest quddiem il-knisja parrokkjali fi Triq Hompesch, organizzata mill-Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D.1993. Ikun hemm ikel u xorb, kant, żfin, logħob, tombla u divertiment għal kulħadd.

**Il-Ħadd 6 ta' Lulju – Jum iż-Żgħażagħ u l-Organizzaturi u l-Helpers tal-Festa.**
**9.30am:** Quddiesa biċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija.
**11.00am:** Quddiesa mill-Pirjol P. Joe Saliba O. Carm għaż-żgħażagħ u l-addoloxxenti bis-sehem tal-membri tal Kummissjoni Festa Esterna A.D. 1993 u tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu, ir-reffiegħa tal-vara u l-għaqdiet taż-żgħażagħ. Waqt il-quddiesa jingħata l-mandat li-reffiegħa li se jerfgħu l-istatwa fil-festa u jitbierku l-istendardi tal-Kummissjoni Festa Esterna A.D. 1993 u tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu.
**7.45pm:** Inawgurazzjoni tal-proġett tal-bini mill-ġdid tal-Każin tal-Banda mill-E.T. Myriam Spiteri Debono, President ta' Malta, segwit minn Programm Vokali u Strumentali mill-Banda tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Johan Debattista. Isegwi riċeviment.

**It-Tnejn 7 ta' Lulju – Jum it-Tfal u ħruġ tal-vara min-niċċa**
**6.00pm:** Il-Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D. 1993 tibda manifestazzjoni tat-Tfal bl-istatwa tal-Madonna li tibda minn quddiem il-Museum tal-Bniet fi Triq Kampanella, għal Triq il-Karmelitani, Triq Hompesch għall-knisja parrokkjali, bis-sehem tal-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura.
**7.00pm:** Quddiesa animata għat-tfal mmexxija minn Dun Roderick Camilleri, Arċipriet ta' Ħaż-Żabbar.
**8.00pm:** Wara l-quddiesa, isir il-ħruġ solenni tal-vara min-niċċa. Issir ċelebrazzjoni Marjana fuq iz-zuntier bis-sehem tal-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura li tilqa' l-ħruġ tal-vara titulari min-niċċa u ssellem lill-Madonna bid-daqq tal-innijiet Marjani.
**8.30pm:** Wara l-ħruġ, it-tfal jimxu wara l-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura sal-Maħżen tal-Armar, fejn jingħataw ġelat u tifkira tal-okkażjoni. It-tfal wara jimxu sal-Każin tal-Banda fejn issegwi Festa għat-tfal quddiem il-każin tal-banda fejn fost l-oħrajn isir ukoll show tal-karti.

**It-Tlieta 8 ta' Lulju – Jum il-Familja**
**6.30pm:** Rużarju meditat.
**7.00pm:** Quddiesa animata mill-Kummissjoni Familja immexxija mill-Kappillan P. Raymond Calleja O. Carm.
Għal din il-quddiesa huma mistiedna b'mod speċjali dawk il-koppji li din is-sena qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali kif ukoll dawk il-koppji li kellhom tarbija mill-festa tas-sena l-oħra 'l hawn.
Waqt il-quddiesa dawk il-koppji li qed jiċċelebraw xi anniversarju speċjali jġeddu l-wegħdiet taż-żwieġ tagħhom u wara l-quddiesa ssir il-preżentazzjoni tat-trabi lill-Madonna tal-Karmnu.
**8.30pm:** Blue Rally għaż-żgħażagħ imtella' mid-Deep Blue Promotions fil-Każin tal-Banda. Dħul b'xejn.

**L-Erbgħa 9 ta' Lulju – L-Ewwel Jum tat-Tridu - Jum it-Terzjarji Karmelitani u l-Għaqdiet Marjani**
**10.30am:** *Kids Feast Fun Day* - Attività għat-tfal fil-każin fejn isiru l-preparamenti għall-materjal tal-briju tal-marċi.
**6.30pm:** Rużarju meditat.
**7.00pm:** Quddiesa tat-tridu bit-talba tal-għasar immexxija mill-Pirjol P. Joe Saliba O.Carm.
Matul il-ġranet tat-tridu jippriedka Dun Ivan Aquilina, Viċi Kapillan tal-Parroċċa ta' San Girgor tas-Sliema.
Jieħdu sehem it-Terzjarji Karmelitani flimkien mal-Moviment Madonna ta' Fatima u l-Leġjun ta' Marija.
Wara l-quddiesa issir il-funzjoni tas-Salve u ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**8.30pm:** Il-Banda Maria Assunta tal-Gudja tibda marċ bl-istatwa ta' San Elija miz-zuntier tal-knisja u tkompli f'dawn it-toroq: Karmelitani, Triq il-Kampanella, Ward tax-Xemx, Censu Busuttil, Rihan, Żabbar, San Mikiel, Mater Boni Consilii, Ħuttafa, Kent, 26 ta Marzu, Koppla, San Tumas, Mahtma Ghandi, Martin Luther King, Klabb tal-Boċċi, Martin Luther King, Madre Tereza ta' Kalkutta, Giacomo Matteotti, Mahatma Ghandi, Sur, Hompesch fejn isir it-tlugħ ta' San Elija fuq il-pedestall quddiem il-Knisja Parrokkjali u wara l-marċ ikompli sal-Każin tal-Banda fejn ser tiġi inawgurata sorpriża tal-briju mill-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Banda.

**Il-Ħamis 10 ta' Lulju – It-Tieni Jum tat-Tridu - Jum  il-Ministri tal-Liturġija u l-Helpers tal-Parroċċa**
**9.30am:** Quddiesa għall-anzjani u l-morda tal-parroċċa minn P. Martin D. Schembri O.Carm. Waqt il-quddiesa jiġi amministrat is-sagrament tal-morda.
**6.30pm:** Rużarju meditat.

**7.00pm:** Quddiesa tat-tridu bit-talba tal-għasar immexxija minn Dun Keith Scicluna, Rettur tal-Knisja ta' San Ġakbu u ż-Żona Pastorali tax-Xgħajra.
Illum Jieħdu sehem il-letturi, l-animaturi, il-ministri tat-tqarbin, dawk li jqassmu l-fuljett tal-parroċċa, helpers tal-knisja u helpers tal-parroċċa.
Wara l-quddiesa issir il-funzjoni tas-Salve u ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**8.30pm:** Il-Banda Madonna tal-Karmnu tal-Fgura tibda marċ minn quddiem il-Każin tal-Banda u tkompli f'dawn it-toroq: Hompesch, Sur, Mater Boni Consilii, Sejba Punika, Żabbar, San Pietru, Liedna, San Tumas, Hompesch sal-Każin tal-Banda, fejn titla' l-istatwa tal-Anġlu fuq il-pedestall. Qabel it-tlugħ tal-Anġlu, il-Kummissjoni Żgħażagħ tvara l-proġett tal-bandalori ġodda għall-Wesgħa Kunsill tal-Ewropa. Isegwi spettaklu ta' logħob tan-nar, mużika u dawl bl-isem Stars of an Angel (is-sitt edizzjoni).

**Il-Ġimgħa 11 ta' Lulju – It-Tielet Jum tat-Tridu - Jum il-Vokazzjonijiet u Jum l-Għaqdiet tal-Parroċċa**
**6.30pm:** Rużarju meditat.
**7.00pm:** Quddiesa tat-tridu bit-talba tal-għasar immexxija minn Rev. P. Maurice Abela O. Carm, Kappillan tal-parroċċa ta' Santa Venera.
Jieħdu sehem il-membri tal-għaqdiet tal-parroċċa, kif ukoll l-abbatini tal-parroċċa u l-ġenituri tagħhom.
Wara l-quddiesa issir il-funzjoni tas-Salve u ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**8.15pm:** Il-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura tibda marċ minn quddiem il-knisja u tkompli f'dawn it-toroq: Hompesch, Karmelitani, Kampanella, Sur, Blondell, Bormla, W. Levanzin, Gallu, Misk, Fredu Abela, San Ġwann, Skola, Sant'Antnin, Louis Scicluna, Sant'Antnin, Tal-Klerku, Karmnu, Kitba, Sur u Hompesch sal-Pedestall, fejn il-Banda ssellem lill-Madonna waqt it-tlugħ tagħha fuq il-pedestall bl-innu popolari. Fi tmiem il-marċ isir spettaklu ta' logħob tan-nar.

**Is-Sibt 12 ta' Lulju – Lejliet il-Festa**
**8.30am:** Quddiesa mmexxija minn P. Damjan Cachia O.Carm. Fl-aħħar tal-quddiesa jitkanta t-Te Deum.
**6.30pm:** Translazzjoni Solenni bir-relikwa tal-Madonna mill-Museum tas-Subien u li tgħaddi minn Triq il-Karmelitani, Triq Hompesch għall-Knisja mmexxija mill-Pirjol P. Joe Saliba O. Carm u l-komunità Karmelitana.
**7.00pm:** Quddiesa kantata mmexxija mill-Pirjol P. Joe Saliba O. Carm flimkien mal-komunità Karmelitana. Wara l-quddiesa issir il-funzjoni tas-Salve u ċelebrazzjoni Ewkaristika.
**9.00pm**: Il-Banda Madonna tal-Karmnu tal-Fgura tesegwixxi programm mużikali quddiem il-Każin tal-Banda, taħt it-tmexxija tas-Surmast Direttur Johan Debattista Dip. LCM, ALCM.
**11.15pm:** Il-Kummissjoni Festa Esterna Fgura A.D.1993 ittella' spettaklu ta' nar tal-art. Fi tmiemu jsir ukoll in-nar sinkronizzat mal-mużika imtella' mis-Sezzjoni Żgħażagħ tal-Kummissjoni Festa Esterna Fgura.

**Il-Ħadd 13 ta' Lulju – Jum il-Festa**
Filgħodu l-quddies tas-6:00am, 7:00am u 8:00am ikun bħas-soltu.
**9.00am:** Quddiesa prinċipali tal-festa immexxija mir-Rev. Kappillan P. Raymond Calleja O. Carm flimkien mal-komunità Karmelitana bis-sehem tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali, il-kummisjonijiet tal-parroċċa, il-Kunsill Lokali u l-għaqdiet reliġjużi u ċivili tal-parroċċa. Waqt il-quddiesa jinseġ il-paniġierku P. Aaron Zahra O.P. Pirjol tal-komunità Dumnikana tal-Birgu.
**11.00am:** Quddiesa.
**11.00am:** Il-Banda 'Madonna tal-Karmnu' tal-Fgura tibda marċ minn quddiem il-Każin tal-Banda u tkompli f'dawn it-toroq: Hompesch, Bormla, Vjal Kottoner, Sur, Hompesch, San Tumas, Valperga, Karmelitani, Hompesch sal-Każin tal-Banda.
**6.00pm**: Rużarju Meditat
**6.30pm**: Quddiesa bit-talba tal-għasar immexxija minn P. Joe Vella O. Carm.
Wara l-quddiesa tibda l-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu mmexxija mill-W.R.P. Charles Mallia O. Carm Pirjol Provinċjali li tgħaddi minn Triq Hompesch, Triq Żabbar, Triq San Pietru, Triq Mater Boni Consglii, Triq is-Sur, Triq il-Kitba, Triq il-Karmnu, Triq l-Iskola, Triq Sant'Antnin, Triq Hompesch għall-knisja.
**7.05pm:** Il-Banda 'Santa Marija' ta' Ħad-Dingli tibda marċ minn Wesgħa Kunsill tal-Ewropa għal Triq Hompesch saz-zuntier tal-knisja parrokkjali, fejn tilqa' l-istatwa titulari bid-daqq tal-innu popolari fil-ħruġ tal-purċissjoni. Issir tislima lill-Madonna bil-kant minn Rebecca Scerri u wara tkompli takkumpanja l-purċissjoni sa kantuniera ma' Triq il-Karmelitani. Wara, il-Banda tesegwixxi Programm mużikali fuq il-planċier quddiem il-knisja. Fl-aħħar tas-servizz, tingħaqad mal-Banda Lara Azzopardi li ssellem lill-Madonna tal-Karmnu bil-kant tal-innijiet Marjani.
**7.30pm:** Il-Banda 'Imperial' tal-Mellieħa tibda marċ minn Triq il-Karmelitani, minn ħdejn il-Museum tas-Subien għal Triq Hompesch, fejn tingħaqad mal-purċissjoni minn kantuniera ma' Triq il-Karmelitani u tkompli takkumpanjaha f'dawn it-toroq: Hompesch, Żabbar, San Pietru, Mater Boni Consilii, Kitba, Hompesch sal-knisja parrokkjali, fejn issellem lill-Madonna bl-innu popolari u l-*Ave Maria* kantati minn Vanessa Vassallo.
**10.30pm:** Isir id-dħul tal-vara fil-knisja, titkanta l-antifona tal-Flos Carmeli u ssir ċelebrazzjoni Ewkaristika.

**Il-Ħadd 20 ta' Lulju**
**9.30am**: Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-Kummissjoni Festa Esterna A.D. 1993 u l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu iċċelebrata mir-Rev Kappillan P. Raymond Calleja O. Carm. Wara jsir id-dħul tal-vara fin-niċċa.

Matul il-ġranet tal-festa il-kant ikun immexxi mill-Kor Parrokkjali Infaħħru lil Marija taħt id-direzzjoni tas-Surmast Simon Ellul AMusLCM kif ukoll mill-Kor Flower of Carmel taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Lilian Plumpton.






O Beatu Carlo Acutis, int li fil-ħajja qasira tiegħek fuq din l-art ingħatajt kollok kemm int għall-Mulej u wasalt biex ksibt ġisem safi, minkejja l-oċean ta' tentazzjonijiet li qed tħabbat wiċċha magħhom l-umanitá, fosthom iż-żgħażagħ u l-adulti, li qed jirriskjaw it-tinġis ta' ruħhom anki permezz tal-mezzi tal-komunikazzjoni, idħol għalina biex ikollna qalb safja u ħarsa ġdida. Ammen.

| **Djarju tal-Parroċċa** | |
|---|---|
| **Lulju 2025** | |
| L-Erbgħa 16 | Tifkira Solenni tal-Imqaddsa Verġni Marija tal-Għolja tal-Karmelu<br>Fis-Santwarju tal-Karmnu l-Belt fid-9:00am ikun hemm il-quddiesa prinċipali tal-festa u fis-7:00pm toħroġ il-purċissjoni. |
| Il-Ħadd 20 | Solennità tal-Profeta Missierna San Elija |
| L-Erbgħa 23 | Coffee Morning.Tluq fit-8:30am. |
| L-Erbgħa 30 | Ġurnata għal-Għawdex. Tluq fis-6:30am. |
| **Awwissu 2025** | |
| L-Erbgħa 13 | Coffee Morning.Tluq fit-8:30am. |
| Il-Ġimgħa 15 | Solennità tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija – Festa Kmandata<br>Il-ħin tal-quddies ikun dak bħal ta' nhar ta' Ħadd. |
| L-Erbgħa 27 | Ġurnata għal-Għawdex. Tluq fis-6:30am. |
| **Settembru 2025** | |
| It-Tnejn 8 | Solennità tat-Twelid tal-Verġni Marij |
| L-Erbgħa 10 | Coffee Morning.Tluq fit-8:30am. |
| L-Erbgħa 17 | Ġurnata għal-Għawdex. Tluq fis-6:30am. |
| L-Erbgħa 24 | Coffee Morning.Tluq fit-8:30am. |